10 ta' Lulju 2015
83/2015

## QUDDIESA PONTIFIKALI BL-INVESTITURA TAL-*PALLIUM*

**Data: Is-Sibt, 11 ta' Lulju 2015**

Post: Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta

**Ħin: 9:45 a.m.**

Għada, is-Sibt 11 ta' Lulju 2015, l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jiġi mlibbes il-*pallium* min-Nunzju Appostoliku, l-E.T. Mons. Mario Roberto Cassari, waqt Quddiesa Pontifikali fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa tibda fl-10:00 a.m. u ser tixxandar dirett fuq TVM u fuq radju RTK.

Din hija l-ewwel darba li Arċisqof ser jiġi mlibbes il-*pallium* waqt Quddiesa fl-Arċidjoċesi ta' Malta stess. Il-bidliet fir-rit tal-għoti tal-*pallium* saru fuq xewqa tal-Papa Franġisku, bil-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-Knisja tal-post, f'ċerimonja importanti fil-ħajja u fl-istorja tal-Knisja lokali.

Il-*pallium* jintlibes mill-Arċisqfijiet bħala simbolu tal-komunjoni tagħhom mas-Suċċessur ta' San Pietru fit-tmexxija tal-Poplu ta' Alla. Il-*pallium* huwa magħmul mis-suf tan-nagħaġ, bħala simbolu ta' Ġesù Kristu, il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja u r-Ragħaj it-Tajjeb li jgħasses dejjem fuq il-merħla għażiża tiegħu. Il-*pallium* ifakkar lill-Isqfijiet, bħala Vigarji ta' Kristu fil-Knejjes lokali tagħhom, li huma għandhom is-sejħa li jkunu rgħajja skont il-Qalb ta' Ġesù.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org